MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 971/2011

Socjeta 360 Food Import Limited
C 46590

Vs

Joseph Sammut

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2011 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija, disgha u disghin Ewro u hmistax il centezmu (€399.15) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Settembru, 2011, ittra legali tat-28 ta' Settembru, 2011, bl-imghax legali mid-data kif ukoll spejjez ta' tlieta u

ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€23.30) ohra u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta;' Dicembru, 2011 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-14 ta' Dicembru, 2011 u filfatt il-konvenut nqas li jidher sabeix jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u disghin ewro u hmistax il centezmu (€399.15) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-20 ta'Settembru 2011 u l-ammont ta' tlieta u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€23.30) mitluba.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------